# INTERVISTA MA' MARIJA FALZON –

## bint Mro. Carlo Diacono

### – minn Frans Żahra –

**Il-qawl jgħid: "Bin is-sengħa għandu nofsha". Bla dubju dan nistgħu napplikawh għall-papà tiegħek. Il-papà tiegħek qabad din l-arti mużikali għax il-papà tiegħu kien mużiċista?**
Veru li n-nannu Orazio, il-papà tal-papà tiegħi kien mhux biss promotur u l-ewwel direttur tal-banda **Beland** taż-Żejtun, kif ukoll vjolinista ta' fama, iżda wkoll minn naħa tal-mamà tiegħu Saveria Darmanin (jiġifieri n-nanna) kienu nies ta' l-arti; skulturi u statwarji fosthom Karloz Darmanin, li ħalla bosta xogħlijiet sbieħ li jżejjnu l-knejjes tagħna. Ta' min jinnota wkoll li l-familja Darmanin kellha dixxendenza, minn naħa ta' l-omm, tal-kompożitur famuż ukoll, Nicolò Isouard, u taf init, aħna ngħidu "id-demm jiġbed".

**Kif wera x-xeħta lejn il-mużika l-papà tiegħek?**
F'età żgħira kien diġà jdoqq mal-papà tiegħu mall-banda **Beland**, tant li kienu jtellgħuh fuq banketta biex, miskin, ilaħħaq mall-leġiju. Aktar tard huwa kien ukoll Surmast ta' l-istess **Banda Beland**. L-inklinazzjoni tiegħu, jiġifieri x-xeħta lejn il-mużika kompla juriha meta kompla jikber, tant li kien jiġbor xi tfal żgħar, hekk ta' l-età tiegħu, biex joqgħodu jkantaw il-mużika li kien jikteb hu stess. Maż-żmien kompla jħarrġu l-papà tiegħu, u meta miet in-nannu, il-papà tiegħi kompla jistudja għand il-bravu surmast Paolino Vassallo. Imbagħad sar pjanista u beda jagħti kunċerti fuq il-pjanu fl-Awla Magna ta' l-Università ta' Malta, tant li s-surmast Vassallo kien kuntent bih. Darba ħajru jikteb quddiesa għal xi konkors. Biss il-papà meta sar jaf li għal dan il-konkors daħal ukoll is-surmast tiegħu, ma riedx jieħu sehem, taf int speċi qed jikkompeti mas-Surmast tiegħu wkoll. Iżda minn hemm u minn hawn daħal għall-konkors u b'sorpriża l-quddiesa li kkompona ġiet l-ewwel, u s-surmast Vassallo tgħidx kemm feraħlu. Hu x'inhu, l-papà kien alliev tas-Surmast Vassallo, u nifhem li s-surmast Vassallo ra li fl-ewwel post ġie wieħed milli għallem hu.

**Allura kif kien jgħaddiha l-ġurnata l-papà tiegħek?**
Kien bniedem attiv ħafna, u allura impenjattiv. Barra li kien Maestro di Cappella tal-Kattidral kif ukoll ta' San Ġwann u ta' bosta parroċċi oħra, kien direttur tal-kor tas-subien ta' San Ġakbu, u ta' dak tax-xebbiet ta' Santu Rokku, t-tnejn fil-belt, kif ukoll tal-kor tas-Seminaristi u tal-kulleġġ ta' San Alwiġi B'Kara. Kien eżaminatur tal-pjanu fl-iskola ta' l-Arti l-belt kif ukoll *musical advisor* tat-Teatru Rjal. Il-papà kien jagħti wkoll lezzjonijiet tal-pianu, tal-armonija, contrapunt u kant. Ħafna mill-allievi li kellu għamlu karriera Malta u barra. Kien ukoll jgħaddi siegħat, saħansitra anke matul il-lejl, fuq il-pjanu jikkomponi. Il-kompożizzjonijiet tiegħu huma bostà li mhux il-ħin, u l-ispaju ma jippermettix li nidħol fid-dettal, Overtures, preludji għall-orkestra, sinfoniji, kantati, romanzi, mużika polifonika, oratorji, żewġ opri: waħa minnhom mhux kompluta, operetta; insomma tant xogħolijiet oħra, quddies u diversi mużika oħra.

**Il-mużika kienet ħajtu ... u bħala bniedem tal-familja?**
Il-papà kien bniedem ta' sentimenti sbieħ, xhieda ta' dan il-ġmiel ta' mottivi li għandu fil-mużika. Il-familja kienet l-ideal tiegħu. Minn meta mietet il-mamà, Marija Stella (25/6/34), sal-ġurnata li miet hu fil-15/6/42 dejjem libes l-ingravata sewda, bħala sinjal ta' luttu. Il-papà kien bniedem li minnu dejjem kellna eżempji tajba b'għemilu, kliemu, kien ta' dixxiplina, jikkoreġi fejn hemm bżonn. Kien biendem hekk ta' dover u fl-istess ħin dik l-onestà tiegħu!

**Kellkom okkażjoni bħala familja tkunu preżenti f'okkażżjonijiet meta kien jidderiġi l-mużika?**
Barra diversi kunċerti fit-Teatru Rjal u knejjes niftakar il-festi tal-Coronation meta dderieġa l-baned ta' Malta kollha f'daqqa fil-Main guard, il-Belt u s-serata d'Onore ta' l-opra **L'Alpino** fit-Teatru Rjal. It-teatru kien imżejjen bi fjuri u bnadar Maltin. Niftakar sejħulu 43 darba fuq ir-ribalta, u hu taraħ jirringrazzja b'dik l-umiltà.

**Għandek xi tifkiriet oħra nteressanti?**
Il-papà kellu kuntatti ma' diversi nies kbar fil-kamp mużikali: *Respighi, Refice, Zandonai, Perosi* li ammiraw u faħħru l-mużika tiegħu. Darba kien Ħamis ix-Xirka u meta ġie d-dar irrakontalna, kollu ferħan, li kien

iltaqa' mal-magħruf Guglielmo Marconi. Dan ġie Malta fuq il-yacht tiegħu *Electia* – mingħalija – u waqt li kien qiegħed iżur San Ġwann, sema' l-mużika u l-kor, u tant ħa pjaċir li talabhom ilaqqgħuh mas-Surmast (il-papà) u nsomma ferħlu tal-ġmiel ta' mużika sagra u xtaq jisma' aktar mużika tiegħu. Ta' spiss ukoll kienu jiġu jikkonsultawh surmastrijiet bħal ***Botti*** ta' *La Vallette* u ***Doncich*** tal-*King's Own*. Okkażjoni oħra, biss ta' dispjaċir għalih kien il-Kungress Ewkaristiku li sar Malta fl-1913. Għall-okkażjoni kiteb Oratorio fi tlett atti: **San Paolo Evangelizza i Maltesi** biex isir fl-Irjal. Meta kienu qed isiru l-provi sar jaf li xi ħadd fl-Impresa għamillu bsaten fir-roti, u l-papà ħassar kollox u assolutament ma riedx li ssir ... u baqa' bla ma ġie esegwit.

**U f'jum il-mewt u l-funeral?**
Tul it-tlett ġimgħat li kien marid u fi żmien mimli attakki mill-ajru, kienet il-gwerra, fuq l-ajrudrom ta' Qali, ftit bogħod fejn kien joqgħod, ma kienux jonqsu jiġu jżuruh surmastrijiet bħal **P. Nani** u **Vincenzo Ciappara**, eċċ u speċjalment **Carmelo Abela**, prim vjolinist mal-papà, li kuljum kien jiġi miż-Żejtun u jgħaddi siegħat sħaħ miegħu jgħinu f'dak li kien jeħtieġ. Allievi u nies li jħobbu l-mużika ġew minn kull rokna ta' Malta. Xewqtu u t-talba tiegħu 'l Alla kienet li jagħtih forza jasal sal-pjanu, iżda l-pjan t'Alla kien mod ieħor. Lejlet li miet, b'rassenjazzjoni kbira ta' bniedem bi prinċipji sodi, irrakkomanda ruħu 'l Alla, irċieva s-Sagramenti, u talab ukoll lil S. Antnin (li tiegħu kellu kwadru viċin) biex jgħinu u fakkru wkoll fit-*Transitu* li kiteb f'ġieħu. L-għada kien **it-Tnejn 15 ta'Ġunju 1942**, fis-7.30 a.m. qal l-aħħar talb. *Miet fit-8.15 a.m.*. Il-funeral sarlu t-Tlieta, fost "raids" kontinwi. Bosta nies akkumpanjawh għall-knisja taż-Żejtun fejn inżamm *fl-Oratorju*, u ħafna niez marru tawh l-aħħar tislima. Ġie midfun fiċ-ċimiterju taż-Żejtun, fejn twieled. Din dejjem kienet ix-xewqa tiegħu. Infatti kien ta' spiss jgħidilna biex ma nħallux lill-Monsinjuri tal-Kattidral idawwruna u jidfnuh fil-Kattidral, kif kellu dritt bħala Maestro di Cappella. Huwa kien jinsisti magħna illi jrid jindifen iż-Żejtun, raħal twelidu u li tant kien iħobb. Għeluq ix-xahar minn mewtu saritlu l-quddiesa l-kbira tiegħu *de Requiem*, diretta minn ħija Mro. Frankie. Il-knisja kienet mimlija nies. Kemm il-mużiċisti u l-kantanti offew is-servizz tagħhom.

# BUST TA' MRO. CARLO DIACONO

Bħala tifkira tal-50 sena mill-mewt tal-kompożitur magħruf Żejtuni u ex-Surmast tal-Banda Beland, **Mro. Carlo Diacono**, il-Kumitat ħaseb sabiex jitqiegħed bust tiegħu f'post prominenti ġewwa l-każin. Il-bust uwa xogħol tal-artist żgħażugħ Sandro Debono illi offra s-servizz tiegħu b'xejn. Dan huwa l-ewwel xogħol kbir tiegħu. Huwa diġà ħadem bosta statwi żgħar filwaqt li din is-sena wkoll immudella x-xogħol tal-kartapesta għal mal-faċċata tal-każin.

Minn qalbna f'isem is-Soċjetà kollha nawgurawlu futur sabiħ.

**Sandro Debono jidher qed jiddiskuti ma' wlied il-kompożitur Carlo Diacono, Frankie u Maria, dettalji fuq il-bust tal-papà tagħhom.**

